# TAGĦRIF FUQ SAN ĠILJAN

San Ġiljan, minħabba d-daħliet kennija tiegħu kien post tas-sajjieda.

Iżda l-ironija trid li dan il-post hu msemmi għall-patrun tal-kaċċaturi, għax meta ġew il-kavallieri huma għażlu dawn in-naħiet għall-kaċċa. Żgur li dawn l-inħawi imwarrba, imsarġa u li jaqbdu ma' widien kbar kienu post ideali għall-kaċċa.

Il-kavallieri biex juru d-devozzjoni tagħhom lejn San Ġiljan, il-patrun tal-kaċċaturi, bnewlu Knisja fl-1585. U minhekk ħa ismu l-post. Il-knisja li kienu bnew il-kavallieri kellha tgħaddi minn xi tibdiliet fl-1682. Dak iż-żmien din il-Knisja ta' San Ġiljan saret parroċċa fl-1 ta' Settembru 1891. Sadanittant il-Knisja reġgħet tkabbret għalkemm mhux biżżejjed biex tilqa' l-għadd ta' nies li kienu qegħdin jiġu jgħoqodu f'San Ġiljan.

Sadanittant dan il-post minn post ta' divertiment għall-kaċċaturi kien sar post għas-sajjieda. Dawn l-inħawi qabel ma ssemma' San Ġiljan kienu magħrufa bħala l-Qaliet, isem li għadu jintuża għal xi naħiet partikulari ta' San Ġiljan. Qaliet huma



daħliet, jew bajjiet, u l-aktar magħrufa huma dawk tal-Balluta u ta' Spinola fen issajjieda kellhom il-kenn għad-dgħajjes u l-irkaptu tagħhom. Daħla oħra hija dik magħrufa ta' San Ġorġ li tagħti għall-grigal, infittxija ħafna mit-turisti kif ukoll mill-Maltin fil-ġranet tas-sajf. Fil-ġranet tas-sajf f'waħda minn dawn il-qaliet kienet tidħol il-lanċa.



Billi dawn in-naħiet kienu mikxufa għal xi ħbit tal-furbani, minħabba li d-daħliet kennija u baxxi faċilment jistgħu jintleħqu, il-Kavallieri ħasbu biex idawru dawn in-naħiet b'fortifikazzjonijiet. L-aktar Torri magħruf hu dak imsejjaħ ta' San Ġorġ mibni fl-1601 mill-Gran Mastru Wignacourt li poġġa fih erba' kanuni.

L-Ingliżi ma baqgħux lura. In-naħa ta' ġewwa mix-xatt ta' San Ġiljan li ma kienx abitat mill-Maltin intagħżel mill-Ingliżi biex jibnu l-Forti Pembroke fl-1877. Lejn dawk in-naħiet magħrufa bħala ta' Saint Andrew's minħabba kappella lil dan il-qaddis protettur ta' l-Iskozja, u għan naħiet ta' Saint Patrick's huma bnew l-ewwel il-forti magħruf bħala ta' Pembroke. Din il-fortizza kellha pont jidħol u joħroġ li kien xi ħaġa unika għal dawk iż-żminijiet. Dan il-forti ssejjaħ Pembroke għas-segretarju tal-Gwerra Ingliż, il-Konti ta' Pembroke.

Bnew ukoll ġmiel ta' Barracks li l-biċċa l-kbira minnhom kienu għall-uffiċjali. Knisja oħra magħrufa f'San Ġiljan hi dik tal-Kunċizzjoni li bniha Fra Rafel Spinola li wkoll attenda b'sollennità kbira għat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla fis-16 ta' Ġunju, 1687.

Ninżlu issa għall-Knisja l-ġdida ta' San Ġiljan.

Meta l-popolazzjoni bdiet tikber sew – fil-bidu tas-sittinijiet insibu 'l fuq minn sitt elef ruħ f'San Ġiljan – inħasset il-ħtieġa ta' Knisja oħra fuq stil modern. Il-pjanta saret mis-sur Arthur J. Zammit. Tlestiet fil-25 ta' Awissu 1968 meta tbierket minn Monsinjur Gonzi.

Din il-Knisja fiha xogħlijiet ta' l-arti moderna. Insemmu fost l-oħrajn il-via sagra u s-salib xogħol ta' Mark Cremona u l-artal inniffsu kapolavur tal-artistrija fertili ta'



Emvin Cremona. F'din il-Knisja hemm orgni sabiħ ħafna għax il-parroċċa ta' San Ġiljan hija magħrufa għall-Kor li barra li jieħu sehem fl-attivitajiet tal-Knisja jieħu wkoll sehem f'attivitajiet nazzjonali.

Il-battisteru, jiġifieri l-fonti tal-magħmudija hu maħdum minn ġebla meħuda minn qrib il-qabar ta' Kristu fil-Palestina.

Din hi l-ewwel Knisja f'Malta li għamlet użu mill-'crying rooms', żewġt ikmamar magħluqa sew biex il-ġenituri jkunu jistgħu jieħdu t-tfal żgħar tagħhom fihom ħalli bil-biki u l-logħob tagħhom ma jtelfux lill-ġemgħa waqt is-servizzi liturġiċi. Ħaġa oħra karatteristika ta' din il-knisja hija l-gallerija ta' ġewwa li minnha n-nies jistgħu jsegwu l-Quddiesa.

Paceville: post li kiber dan l-aħħar snin. Paceville taħlita ta' lukandi, restoranti, discos, postijiet ta' passatemp, irwejjaħ ta' ikel u pizzas, u ħwawar, kuluri, u taħlita

ta' nies differenti. U kollox jitħallat mar-riħa tal-inċens li bih il-Knisja tal-Bon Kunsill tipprova ssaffi l-arja!

Żewġ postijiet marbuta sew ma' San Ġiljan huma l-Palazz tad-Dragonara li llum qed jintuża bħala Casino. Kien fl-1870 li l-Markis Manwel Scicluna kiseb mingħand il-Gvern il-promontorju kollu li jifred il-ħarga tal-bajja ta' San Ġiljan minn naħa tal-Bajja ta' San Ġorġ mill-oħra imsejħa il-Ponta ta' Dragonara.

Dan il-post isejħulu d-dragonara minħabba li s-sajjieda kienu jaħsbu li fl-għerien ta' taħt dan il-promontorju kien jgħix fihom dragun kbir. Kienu jaħsbu hekk – kemm bis-serjetà ma nafx – għax l-ilma li jidħol bil-qawwi fl-għerien kien jagħmel ħoss tal-biża'.



Il-Bankier Scicluna bena l-palazz tiegħu fit-tarf ta' dina l-ponta. Fi żmien il-gwerra dan il-palazz kien jintuża bħala sptar. Dan il-post inbidel f'Casino fil-15 ta' Lulju, 1964.

Post ieħor ta' importanza f'San Ġiljan huwa l-Palazz ta' Spinola mibni fl-1688 mill-Kavallier Fra Pawlu Rafel Spinola fuq art li kienet ta' ħuh, kavallier ieħor. Il-Palazz hu mibni bi stil ta' arkitettura mill-isbaħ. Il-proneputi tal-Kavallier Spinola li wiret dan il-palazz kompla kabbru u sebbħu. Iżda maż-żmien dan il-palazz kien jinsab f'qagħda mitluqa ħafna. Għamel ukoll xi żmien jintuża bħala flats.